Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 17/2014

**Nicolette Gautier** **(appellant)**

**vs**

**Servgroup Limited** **(appellata)**

Il-Ġimgħa, 7 t'Ottubru 2016

Permezz ta' Avviż preżentat fit-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur, ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' €1,033.42 depożitu li ħallset għal bieb u tieqa tal-aluminju bi ħġieġ *triple glazing*, li tpoġġa f'appartament tagħha. L-attriċi ssostni li l-oġġett ma serviex għall-iskop tiegħu peress li l-ħsejjes minn barra baqgħu jinstemgħu ġewwa l-fond.

Il-kumpannija intimata ppreżentat risposta li biha ddikjarat:

(i) ir-rikorrenti m'avżatx lis-soċjeta` intimata fi żmien xahrejn bil-miktub bl-allegat nuqqas kif jitlob l-artiklu 79 tal-kap 378.

(ii) mhux minnu li l-prodott fih nuqqasijiet.

(iii) is-sistema użata hi konformi mas-sengħa u l-arti tant li tipprovdi *sound isolation* konformi mal-istandards magħrufa bħala UNI EN ISO 140 Part 3 2006 u UNI EN ISO 717 Part 1 2007.

B'sentenza tas-27 ta' Novembru 2014, it-Tribunal caħad l-ewwel eċċezzjoni, laqa' l-eċċezzjonijiet l-oħrajn, ċaħad it-talba ħlief li ordna li jsiru aġġustamenti żgħar li jistgħu jgħinu biex jitnaqqsu l-ħsejjes bl-użu ta' silicone jew *expandible foam* biex jingħalqu x-xquq kollha kemm fuq barra kif ukoll fuq ġewwa, wara li kkunsidra li *"mill-provi ma jirriżultax li kien sar xi ftehim jew ingħatat xi garanzija dwar massimu u minimu ta' ħsejjes li jinstemgħu wara l-installazzjoni ta' dak ordnat"*.

Ir-rikorrenti appellat minn din is-sentenza bl-aggravju li:

1. it-Tribunal għamel valutazzjoni żbaljata u żbilanċjata tal-fatti. It-teżi mressqa mill-appellanti ġiet jew sorvolata inkella ma ngħatatx il-piż debitu. Id-deċiżjoni ma tirriflettix il-provi u għalhekk kien hemm il-preġudizzju kkontemplat fl-artiklu 22(2)(ċ) tal-Kap 378. Skont it-Tribunal, il-konsumatur naqas li jipprova li l-prodott ma kienx idoneju, di piu` ma kienx hemm ftehim li l-aperturi kellhom iwaqqfu l-ħsejjes. It-Tribunal skarta r-rapport *ex parte* tal-Inġinier Ivan Scicluna dwar ix-xogħol inespert u ħażin. Skarta wkoll

ġurisprudenza li tgħid li skont Art. 1379 Kodiċi Ċivili l-bejjiegħ irid jiggarantixxi l-bonta`, integrita` u addattabilita` tal-oġġett għall-iskop li għalih hu destinat. Ma kienx hemm bżonn li jkun hemm ftehim espress li l-aperturi kellhom jeliminaw il-ħsejjes. Garanzija li kellha tkun impliċita tenut kont ta' aperturi *triple glazed*.

2. it-Tribunal ma setax jiddeċiedi b'applikazzjoni tal-ekwita` kontra l-liġi.

3. il-kuntratti jsiru *in buona fede*. Għalhekk mhux leċitu għall-appellat li jgħid li huwa offra dak li talbitu l-appellanti.

Is-soċjeta` appellata, permezz tar-rikors tal-appell wieġbet li:

1. din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni (sic) tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi.

2. l-appellata kkunsinnat dak mitlub.

3. it-Tribunal iddeċieda skont il-provi li sema'.

4. l-appellata żżomm ferm l-eċċezzjoni li ir-rikorrenti m'avżatx lis-soċjeta` intimata fi żmien xahrejn bil-miktub.

**<u>Sentenza.</u>**

Il-parti rilevanti tas-sentenza taqra hekk:

*"Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar bieb u tieqa bi triple glazing li pero skont ir-rikorrenti baqghet tisma' l-hsejjes minn gewwa darha. Is-socjeta intimata kkontestat it-talbiet kollha tar-rikorrenti;*

*Illi fl-ewwel lok fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata, din ma tistax tintlaqa' ghax giet prezentata korrispondenza li tikkonferma l-ilmenti u konsegwentement in-nuqqas ta' konformita hekk kif allegat mir-rikorrenti;*

*Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited moghtija fit-13 ta' Jannar, 1999);*

*Illi l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda l-kwalita miftehma u l-effetti li tali nstallazzjoniqed ikollha fuq il-livell ta' hsejjes li jinstemghu minn gewwa l-fond;*

*Illi jidher li s-socjeta intimata kkunsinjat dak ordnat lilha mir-rikorrenti u dan kif jirrizulta minn Dok. A1;*

*Illi mill-provi ma jirrizultax li kien sar xi ftehim jew inghatat xi garanzija dwar massimu u minimu ta' hsejjes li jinstemghu wara l-installazzjoni ta' dak ordnat;*

*Illi fic-cirkostanzi, it-talbiet tar-rikorrenti ma gewx pruvati skont il-ligi;*

*Illi in-naha l-ohra jidher li hemm xi aggustamenti zghar li jistghu jsiru mis-socjeta intimata u li jistghu jtejbu s-sitwazzjoni biex il-hsejjes jigu mnaqqsa kemm jista' jkun;*

*Illi ghal dan il-ghan, ghandu jintuza materjal bhal silicone jew expandible foam biex jinghalqu*

*x-xquq kollha kemm fuq barra kif ukoll minn gewwa;*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba ta' Nicolette Gautier filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta Servgroup Limited, salv dak gja msemmi fl-ahhar paragrafu dan liema xoghlijiet ghandhom isiru fi zmien tlett gimghat mil-lum u b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri."*

## Konsiderazzjoni.

**Skont artikolu 22 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378),** hemm appell illimitat minn deċiżjoni tat-Tribunal tal-Konsumaturi meta l-ammont tat-talba jaqbeż is-somma ta' €1,200. F'din il-kawża, l-ammont huwa ta' €1,033.42. Għalhekk skont l-Artikolu 22(2) appell jista' jsir biss:

*"(a) fuq kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal; jew*

*(b) fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni; jew*

*(ċ) meta t-tribunal ikun mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella."*

L-appellanti qalet li l-appell hu bażat fuq l-art. 22(2)(ċ) u ċjoe` fuq ksur tal-*fair hearing*. Hi ssostni li l-aggravju:

*"…. Jikkonsisti prinċipalment fil-fatt illi t-Tribunal ma afferrax kif jixraq il-provi prodotti u, anzi, ghamel għal kollox valutazzjoni errata tagħhom. Inoltre, t-Tribunal wettaq apprezzament żbilanċjat tal-fatti kif lilu mressqa mill-partijiet u wkoll malament interpreta ċertu aspetti tal-vertenza illi ma kinux in kontestazzjoni. Jidher mis-sentenza illi t-teżi mressqa quddiemu mill-appellanti ġiet jew sorvolata jew inkellha x'ngħatatx il-piż debitu. Bħala konsegwenza ta' dan l-iskwilibriju, t-Tribunal emana deċiżjoni illi ma tirriflettix il-provi avanzati mill-kontendenti."*

Minn dan l-estratt tar-rikors tal-appell hu evidenti li l-appell hu bażat fuq punt ta' fatt. M'hemmx appell minn apprezzament tal-provi fejn it-talba ma taqbiżx is-somma ta' €1,200.

L-appellanti argumentat li l-kunċett ta' *fair hearing* jassumi forom differenti:-

(a) Il-partijiet għandhom jingħataw l-opportunita' raġonevoli li jressqu l-provi.
(b) Id-diskrezzjoni li tgawdi qorti jew tribunal ma tkunx imxekkla minn prekonċetti jew minn bias.
(c) Id-deċiżjoni trid tkun bażata fuq stħarriġ probatorju loġiku u b'motivazzjoni sobrija u mhux fuq supposizzjoni.

Mid-deċiżjoni hu evidenti li t-Tribunal ċaħad it-talba tal-appellanti minħabba li:

i. L-appellata kkonsenjat dak li wegħdet, ċjoe' żewġ aperturi tal-aluminju bi ħġieġ *triple glaze*.
ii. Mill-provi ma kienx irriżulta li bejn il-partijiet sar xi ftehim dwar il-massimu jew minimu ta' ħsejjes li kellhom jinstemgħu wara li l-aperturi ġew konsenjati u tpoġġew fil-post. Lanqas ma jirriżulta li l-appellanti ngħatat xi garanzija li ladarba jitwaħħlu l-aperturi, fil-

kmamar mhux ser tisma' ħsejjes mit-triq.

Hu evidenti li t-Tribunal immotiva d-deċiżjoni u ma bbażax id-deċiżjoni fuq xi supposizzjoni. Il-ġudikatur m'ghandux l-ebda obbligu li jaghti deċiżjoni fit-tul dwar kif ikun wasal għad-deċiżjoni tiegħu, u hu biżżejjed li jsemmi b'mod inteligibbli dak li jkun wasslu għad-deċiżjoni li jkun ħa.

M'hemmx prova li meta saret l-ordni l-appellata tat xi garanzija li fil-kamra mhux ser jinstemgħu ħsejjes minn barra. L-appellanti argumentat: *"b. li bejn il-kontendenti kien car li l-bieb tal-gallarija u t-tieqa kellhom ikunu magħmula soundproof sabiex jinqatghu l-ħsejjes provenjenti minn barra għal ġewwa l-fond li jinsab fit-tielet sular…"* Pero' l-loġika wkoll tgħidlek li l-appellata qatt ma setat tiggarantixxi li l-ħsejjes ta' barra ser jispiċċaw għal kollox, meta tqies li l-ħsejjes ma jgħaddux biss mill-aperturi. Fil-fatt mill-provi ma rriżultax li l-kmamar fejn twaħħlu l-aperturi huma *sound proof*. Saħansitra Mark Vassallo, managing director tas-soċjeta appellata, xehed li l-appellanti, *"…. Qatt ma infurmatna b'kemm kellha sound u ċioe' db's u jekk riditx tnaqqas dan is-sound għal ammont partikolari."*

Mill-provi rriżulta li l-appellata kkonsenjat dak li ordnat l-appellanti, ċjoe' aperturi tal-aluminju bi ħġieġ *triple glaze*. L-appellanti tippretendi li l-kawża kellha tiġi deċiża a bażi tal-opinjoni tal-inginier Scicluna. Bl-argumenti li pproponiet l-appellanti, hu evidenti li qegħda tistieden lill-qorti sabiex tistħarreġ fid-dettall l-apprezzament tal-provi li għamel it-Tribunal. Fil-fehma tal-qorti l-kliem *"mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali"*, m'għandux iwassal sabiex qorti ta' reviżjoni tagħmel ezerċizzju simili. Wara kollox fil-każ in eżami l-liġi ma tipprovdix għal jedd ta' appell fuq punt ta' fatt jew ta' liġi, l-ilmenti tal-appellanti ma jistgħux jirnexxu taħt artikolu 22(2)(ċ) tal-Kap. 378. Inoltre, mir-rapport tal-Inginier Scicluna, jidher li fil-fehma tiegħu l-problema prinċipali kienet minħabba li l-frame tal-aperturi kien kollu tal-aluminju minflok *"… being a composite frame with an outer aluminium skin. 100% aluminium windows and framed glass doors are not recommended for proper soundproofing, because they allow passage of sound through the frame irrelevant of the glazing used."* Saħansitra meta xehed[1] qal: *"Fl-opinjoni tiegħi m'hemmx soluzzjoni għal dak li ġie stallat minħabba li l-ħsejjes igħaddu minn gol-frame tal-aluminium u għalhekk fl-opinjoni tiegħi dak li gie nstallat irid jinqala' u jsir ħaġa mill-ġdid. Meta jkun hemm diskrepanza ta' sound eċċessiv bejn dak li hemm barra u dak li jrid jintlaħaq barra* (recte, ġewwa), l-aluminium mhux tajjeb biżżejjed biex tottjeni l-ispecifications li trid*."* Kliem li jsaħħaħ il-fehma tal-qorti li l-opinjoni tal-inġinier Scicluna hi, tista' tgħid, bażata fuq il-fatt li ntuża l-aluminju. Pero' l-appellanti ordnat aperturi tal-aluminju u dak li ġie kkonsenjat mis-soċjeta appellata. Wara li l-qorti rat l-atti, lanqas mhi f'posizzjoni tikkonkludi li t-Tribunal qatt ma seta' jiddeċiedi bil-mod kif iddeċieda.

L-appellanti argumentat ukoll li għalkemm it-Tribunal għandu jiddeċiedi skond l-ekwita (artikolu 21(1) tal-Kap. 378), *"… dan ma għandux awtomatikament*

[1] Seduta tas-17 ta' Lulju, 2014.

*ifisser illi l-istess Tribunal kellu jissorvola kompletament l-applikazzjoni tal-liġi għall-mertu."* It-Tribunal ma bbażax id-deċizjoni fuq l-ekwita' izda fuq dak li rriżultalu mill-ftehim li sar bejn il-kontendenti. Dan l-argument tal-appellanti m'għandux x'jaqsam mal-Artikolu 22(2)(ċ) tal-Kap. 378. L-appellanti għamlet ukoll riferenza għall-prinċipju ta' *bona fede* fl-eżekuzzjoni ta' obbligazzjoni, dwar liema argument japplika l-istess raġunament.

Fl-aħħarnett l-appellanti ssostni li fir-raġunament it-Tribunal kkontradixxa lilu nnifsu, għaliex filwaqt li l-appellanti ma ngħatatx raġun fil-meritu t-Tribunal xorta ordna li jsir xi xogħol fl-aperturi. Semmai, kien jispetta lis-soċjeta appellata li tilmenta dwar ir-rimedju u mhux l-appellanti.

**Għaldaqstant l-appell hu miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.